



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru 2377/2013, imressqa minn G.J., ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar l-użu ta' tikketti tal-widnejn għall-identifikazzjoni tal-bhejjem

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant huwa tal-fehma li l-użu ta' tikketti tal-widnejn għall-identifikazzjoni tal-bhejjem għandu jkun ipprojbit u għandu jiġi sostitwit b' metodi oħrajn, bħal pereżempju ċipep RFID passivi jew il-ħżin ta' kampjuni tad-demem tal-bhejjem. Huwa jargumenta li t-twaħħil ta' tikketti tal-widnejn jista' jikkawża wġiġh konsiderevoli, peress li l-proċess jinvolvi t-tneħħija ta' biċċa tessut, u anke minħabba li t-tikketti jistgħu wkoll jeħlu ma' diversi oġġetti, jagħmlu aktar ħsara lil widnet il-bhima u jkollhom jinbidlu.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-25 ta' Settembru 2014.

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 21/2004¹ tas-17 ta' Diċembru 2003 li jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 91/102/KEE u 64/432/KEE. Skont dak ir-Regolament, in-ngħaġ u l-mogħoż għandhom jiġu identifikati kif jixraq u individwalment u l-movimenti kollha tagħhom fi Stat Membru u bejn Stat Membru u ieħor għandhom ikunu traċċabbli biex ikun faċilitat il-kontroll ta' mard potenzjali fil-kundizzjonijiet tas-suq uniku.

Għal dan l-għan, l-applikazzjoni ta' mill-inqas tikketta waħda mal-widna, viżibbli u

¹ ĠU L 9.1, 2004, p. 8. 8.

konvenzjonali, hija obbligatorja, filwaqt li għat-tieni identifikatur l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw metodi alternattivi ta' identifikazzjoni, bħal bolus ruminali, tikketti tal-widnejn elettroniċi differenti, marki fuq il-pastur jew tatwaġġi.

Fil-każ tal-bovini, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000¹ tas-17 ta' Lulju 2000 jistabbilixxi li l-bhejjem kollha għandhom jiġu identifikati permezz ta' tikketta tal-widna approvata mill-awtorità kompetenti, applikata ma' kull widna. Iż-żewġ tikketti għandu jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku, u t-tnejn huma meħtieġa biex ikun possibbli li tiġi identifikata kull bhima individwali flimkien mal-istabbiliment fejn tkun twieldet.

Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE² tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer tistabbilixxi li l-bhejjem jeħtieġ jiġu mmarkati mill-aktar fis possibbli, u f'kull każ qabel ma jtilqu mill-istabbiliment, b'tikketta tal-widna jew tatwaġġ li jagħmel possibbli li jiġi identifikat l-istabbiliment li ġew minnu.

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE³ dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li s-sidien tagħhom jew min jieħu ħsiebhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha meħtieġa biex jassiguraw il-benessri tal-bhejjem u jiżguraw li daww il-bhejjem ma jsofrux uġiġħ, tbatija jew korrimenti bla bżonn. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 jispeċifika li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li kwalunkwe persuna responsabbli għall-identifikazzjoni tal-bhejjem tkun irċeviet struzzjoni u gwida dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti inklużi f'dan ir-Regolament, u li jkunu disponibbli l-korsijiet ta' taħriġ adegwati.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tqis li s-sistema tal-UE tal-identifikazzjoni u t-traċċabilità għall-bhejjem tal-ifrat, ngħaġ, mogħoż u ħnieżer hi b'mod ġenerali proporzjonali għall-oġġettivi. Is-sistema tipprovdi l-bażijiet għal sistema effiċenti ta' traċċabilità kif ukoll standards għolja ta' saħħa tal-annimali u sikurezza tal-ikel fl-UE. Dawn jistgħu jinkisbu biss permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni tal-bhejjem li hi prammatika u tiffunzjona li tippermetti, fost l-oħrajn, verifika ta' sikwit u immedjata tal-identita tal-bhima fil-post.

Fuq il-bażi msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ma tistax tappoġġa l-petizzjoni li tixtieq tipprojbixxi l-użu tat-tikketti tal-widnejn bħala metodu uffiċjali għall-identifikazzjoni tal-bhejjem fl-UE.

¹ ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.

² ĠU L 213, 8.8.2008, p. 31.

³ ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23.